# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**[Spettur Leeroy Balzan Engerer]**

**vs**

**Roberto Tanzi**

**Kumpilazzjoni Numru: 147/21**

**Illum, 30 ta' Ottubru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Roberto Tanzi detentur tal-karta tal-identità numru 69188A akkuzat talli fix-xhur ta' Marzu

2019 u fis-snin ta' qabel, f'diversi hinijiet gewwa l-Gzejjer Maltin:-

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil ex-siehba tieghu Ilaria De Luca u lit-tifel minuri Nicholas Tanzi De Luca, meta kien jaf jew missu kien jaf li dan l-ghagir kien ta' fastidju lilhom;

   *Artikoli 251A(1)(a)(b), 222(1), 202(b)(h), 251H(a)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Gab ruhu b'mod li jammonta ghas-segwenti bil-mohbi ta' Ilaria De Luca u Nicholas Tanzi De Luca;

   *Artikoli 251AA, 222(1), 202(b)(h), 251H(a)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex tipprovdi ghas-sigurtà ta' Ilaria De Luca u Nicholas Tanzi De Luca, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li tikkaguna biza' ta'

vjolenza, u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta dan il-kas bhala wiehed ta' vjolenza domestika skond il-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba li tikkundanna l-hati ghall-hlas ta' l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri f'dan il-kas, u dan ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba titratta lill - Roberto Tanzi bhala recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioè l-Artikoli 251A(1)(a)(b), 222(1), 202(b)(h), 251H(a)(d), 251AA, 412C, 581 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu.

Stante ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat Roberto Tanzi hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwwel (1) akkuza tikkundannah ghal sitt (6) xhur prigunerija effettivi, filwaqt li tilliberah mill-addebitu tar-recidiva stante li ma gietx ippruvata.

Il-Qorti a bazi tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda wkoll tikkundanna lill-imputat Roberto Tanzi ghall-hlas tal-ispejjez naxxenti minn dawn il-proceduri li jammontaw ghal tliet mija u hdax-il ewro (€311).

Inoltre l-Qorti qed timponi wkoll Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile Ilaria De Luca u Nicholas Tanzi De Luca u li tali Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti spjegat fi kliem semplici lill-imputat, ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**